MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1814/2004

**Audioworks Limited**
**vs**
**Calleja Stone Concrete Co. Ltd. u George Cefai**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta’ Settembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta’ elf u erba’ mija u sittin lira Maltija (Lm1460.00), rapprezentanti hsarat u danni ikkagunati waqt xoghol ta’ demolizzjoni li sar ma’ l-appogg tal-fond tas-socjeta` attrici u li jikkonsisti fi :**
**Sistema komputerizzata valur ta’ sitt mija u hamsa u sebghin lira (Lm675) ;**
**Tiswija u tibdil ta’ zewg turgien tal-franka valur ta’ tlett mija u ghoxrin lira (Lm320) ;**

**Telf ta' qliegh ghall-gimgha b'erbghin siegha bir-rata ta' tmien liri u hamsin centezmu is-siegha, total ta' teltt mija u erbghin lira (Lm340) ;**
**Tikhil i tibjid valur ta' mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125) ;**
**U dana minbarra l-imghaxijiet relattivi u l-ispejjez legali u gudizzjarji inkluz dawk ta' l-ittra legali tat-30 ta' Marzu, 2004 li permezz taghha is-socjeta` konvenuta u l-konvenut gew mitluba li jhallsu izda dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.**

**Ra r-risposta tal-konvenut George Cefai prezentata fl-10 ta' Dicembru, 2004, fejn intqal illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma esagerati u fil-maggor parti taghhom nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-unika hsarat li setghu gew kagunati kienu dawk fil-kors ordinarju ta' demolizzjoni li sar skond l-arti u s-sengha. Illi l-konvenuti dejjem kienu pronti biex jaghmlu tajjeb ghal dawk il-hsarat li gew kagunati minnhom liema xogholijiet, naturlament, ghandhom isiru fil-mument opportun wara li jitlesta x-oghol ta' kostruzzjoni. Illi ghalhekk it-talba biex isiru dawn ix-xogholijiet hija ntempestiva.**
**Subordinatament u minghajr pregudizzju l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ghall-ammonti ohra kollha mitluba huwa totalment infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex mhux minnu illi l-konvenuti kkagunaw hsarat fis-sistema komputerizzata u telf ta' xoghol minhabba x-oghol li ghamlu.**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fis-16 ta' Dicembru, 2004, fejn itqal illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.**
**Illi s-socjeta` eccipjenti mhijiex responsabbli ghall-ebda hsara allegata.**
**Ilii minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta` eccipjenti qieghda tikkontesta d-danni pretizi mis-socjeta` attrici.**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra kemm il-darba jkun il-kaz.**

**It-Tribunal fid-19 ta' Settembru, 2005, hatar bhala Espert Tekniku rigwardanti s-sistema kompuetrizzata li allegatament gratilha l-hsara lil Angelo Dalli, a spejjez provizorjament tas-socjeta` attrici. L-espert Tekniku halef ir-rapport fil-21 ta' Marzu, 2006.**

**Ra l-affidavits ta' John Grech, Maria Stella Grech u Mary Azzopardil-attur. Semgha x-xhieda ta' John Grech, Edward Calleja, Rita Fiteni, il-Perit Patrick Grizxi Soler, Noel Calleja, George Cefai. Ha konjizzjoni tad-dolumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazzjoni.**

**Ikkunsidra :**

**1. Is-socjeta` attrici qed tfittex ghal danni li allegatament sarulha fil-fond taghha waqt xoghol ta' demolizzjoni u kostruzzjoni fil-fond adjacenti. Il-proprjetarju tal-fond adjacenti huwa l-konvenut Cefai filwaqt li l-kuntrattur kienet s-socjeta` konvenuta. Ix-xoghol sar f'Marzu, 2003. Is-socjeta` attrici qed tikkontedni wkoll li fil-15 ta' Settembru, 2003 dahallu l-ilma, mill-fond adjacenti u irvinalha computer, monitor u scanner.**

**2. Gew esebiti ir-ritratti. Ir-ritratti Dok.1A sa 1E juru l-hsara li grat fit-troma tat-tarag, filwaqt li r-ritratti Dok.2A sa 2F juru bic-car il-hsara li saret fit-turgien li kellhom jinbidlu. Ritratti ohra juru xi konsenturi zghar li kien hemm, Dok.3A sa 3E. Ir-ritratti Dok.5A sa 5D juru it-tixrib mal-hitan, u files li gew distrutti.**

**3. Jirrizulta li l-istess konvenuti kienu lesti lio jaghmlu tajjeb ghall-diversi hsarat li saru fil-bini. F'dan is-sens il-Perit Patrick Grixti Soler, spjega li kien hemm nicca, li l-konvenut ried isalvha, u kienet inkrepattiva biex tinqala minn postha. Jispjega il-Perit illi din in-nicca kellha l-knaten infilzati fl-istess hajt tal-appogg tas-socjeta` attrici fuq il-parti ta' wara tal-fond tal-istess socjeta`. Spjega li waqt li qed tinqala saret il-hsara fit-tromba tat-tarag tas-socjeta` attrici. Il-Perit ma kkonstata ebda hsara fuq quddiem.**

**Il-Perit innota li meta mar f'Mejju ta' din is-sena seta jikkonstata li t-tromba tat-tarag kienet ghada mxarrba, pero` jsostni li l-ewwel kamra kienet f'kundizzjoni tajba hafna.**

**4. Skond Noel Calleja, direttur tas-socjeta` konvenuta, meta dahlu fil-post it-tqattigh kien lest, dahlu biex jibnu, sabu nicca u riedu izarmawha.**

**5. Dwar il-hsarat li saru fil-bini, u specjalment a bazi tax-xhieda tal-Perit Patrick Grixti Soler, it-Tribunal ma jsib ebda raguni valida l-ghala dawn mghandhomx jigu milqugha, u peress li jidher li l-maggor parti tal-hsarat saru meta kienet qed tahdem l-imsemmija socjeta` konvenuta fuq in-nicca, din ghandha taghmel tajjeb ghalihom. Dawna jammontaw ghall erba' mija u hamsa u erbghin lira (Lm445.00), u jinkludu x-xoghol fuq it-turgien, u t-tikhil u tibjid. L-istess socjeta` konvenuta skond id-dokument esebit a fol.31 tal-process kienet accettat li tkun responsabbli ghall hsara li tista ssir waqt xoghol mal-appogg ta' John Grech.**

**6. Dwar il-computer u affarijiet tal-ufficju, gie nnutat li skond l-attur fil-15 ta' Settembru, 2003, meta dahal filghodu sab l-iskrivanija u l-computer mxarrbin, u ra l-ilma niezel mis-saqaf fuq in-naha ta' fejn kienu qed siru x-xogholijiet. Informa lill-konvenut li qallu li ser jinforma lis-socjeta` konvenuta, pero` dawn ma tfaccawx. L-ilma dahal ukoll minn fejn hemm it-tarag u gew distrutti hafna files, u jghid li damu jumejn inaddfu.**

**7. Maria Stella Grech, mart John Grech, tghid li fil-15 ta' Settembru, 2003 kien hemm maltempata kbira b'hafna xita, u dahal l-ilma mill-konsenturi. Spjegat li fit-2 ta' Jannar, 2005 rega' dahal l-ilma tax-xita, pero` fit-tieni okkazzjoni ma saritx hsara.**

**8. Mary Azzopardi gar ta' John Grech, spjegat li dahal l-ilma fl-ufficju ta' John Grech u bhala rizultat giet kagunata l-hsara fis-sistema tal-computer tieghu.**

**9. Jirrizulta mix-xhieda ta' l-istess Azzoppardi kif ukoll minn dik ta' Mary Fiteni, li magenb il-hanut tas-socjeta` attrici hemm hanut « Sweet Touch » u dan ukoll dahallu l-ilma.**

**10. Il-konvenut Cefai spjega li x-xogholijiet saru hdejn il-bini tas-socjeta` attrici, kif ukoll fuq hanut li jinsab biswit, u fuq wara. Cefai spjega li saret demolizzjoni tal-bini ta' fuq il-hanut « Sweet Touch ». It-Tribunal jinnota li George Cefai jghid li l-ittri esebiti a fol.32 u 33, rispettivament l-ewwel wahda bid-data tal-25 t'Ottubru, 2003, u t-tieni wahda registrata, ma kienx ircevihom. Jikkonferma li rceva flimkien l-ittri Dok.GC1 u GC2, datati rispettivament 17 ta' Frar, 2004 u 16 ta' Jannar, 2004.**

**11. Rilevanti dwar il-hsara li grat lil-computer dak li xehed Edward Calleja, rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, meta dana qal li kien talab lill-attur biex jaghtih l-computer l-qadim biex jekk l-assigurazzjoni titolbulu jkun jista' jaghmel claim.**

**12. Ghalhekk tenut kont ta' dak li ntqal, ghalkemm huwa minnu perfettament dak li qed jghid il-Perit Grixti Soler, jidher li minhabba ix-xita li ghamlet, l-ilma mexa u dahal fl-ufficju tas-socjeta` attrici, u kkawza hsara lis-sistema tal-computers kif qed tallega s-socjeta` attrici.**

**13. Dwar il-valur ta' dan il-computer is-socjeta` attrici qed titlob sitt mija u hamsa u sebghin lira (Lm675) ghal-computer gdid. John Grech jghid li l-prezz originali kien ta' elf u mitejn lira.**

**14. Fir-rigward tal-valur tal-computer it-Tribunal qabbad bhala Espert Tekniku lil Angelo Dalli, u dana ta stima tal-valur originali fis-somma ta' elf mija u tmintax-il lira. Fir-rigward, it-Tribunal, ma jistghax ma jinnutax li l-valur ta' dawn t-teknologiji moderni, aktar ma jghaddi iz-zmien, aktar jorhsu, u ghalhekk ghalkemm dak seta kien l-valur originali, ma jistghax jitqies bhala l-valur li tilef l-attur. Jekk l-attur biex xtara l-istess sistema nefaq sitt mija u hamsa u sebghin lira (Lm675), it-Tribunal hu tal-fehma li ghandu jnaqqas fuq dan l-ammont peress li dan jinvolivi computer gdid, u qed jattribwilu l-valur ta' hames mitt lira Maltija (Lm500.00) li wkoll ghandhom jigu soportati mis-socjeta` konvenuta.**

**15. Fl-ahhar nett hemm mitlub ukoll telf ta' qliegh ghall-gimgha b'erbghin siegha bir-rata ta' tmien liri u hamsin centezmu is-siegha, total ta' tlett mija u**

**erbghin lira (Lm340). Dwar dan it-Tribunal iqies li ma ngiebet ebda prova tangibbli dwar kemm kien attwalment it-telf. Ghalhekk f'dan ir-rigward it-talba ma tistghax tintlaqa.**
**16. Ghalhekk id-danni li ghalihom hi intitolata s-socjeta` attrici jammontaw ghal erba' mija u hamsa u erbghin lira (Lm445.00) piu` hames mitt lira tal-computer, li jgibu total ta' disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm945.00).**

**Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici biss fil-konfront tas-socjeta` konvenuta, u jikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltija (Lm945.00), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------